MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 516/2006

**Noel Tagliaferro**

**vs**

**Siglia Desira**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta’ Gunju, 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien u minnha anke kellhom tarbija;

1.2. Illi tul din ir-relazzjoni r-rikorrenti sborza sitt elef u seba` mija u hamsin Lira Maltin, (Lm6,750.00) biex jixti materjal u mobbli ghall-fond “St. Rita”, Triq id-Dahla ta’ San Tumas, iz-Zejtun;

1.3. Illi l-fond fuq indikat hu proprjeta` parafernali ta’ l-intimata;

1.4. Illi l-istess fond kien originarjament intiz biex ikun id-dar matrimonjali tal-kontendenti la darba jizzewgu;

1.5. Illi *nonostante* li l-intimata kienet interpellata biex tersaq ghall-hlas ta’ l-ammont sborzat mir-rikorrenti, hi baqghet inadempjenti;

1.6. Illi r-rikorrenti ghandu dritt li jigi rifuz il-flejjes li nefaq kif fuq inghad, liema flejjes marru ghall-beneficcju ta’ l-intimata;

1.7. Illi konsegwentement adixxa din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti ghandu dritt li jigi rifuz mill-intimata l-ispejjez kollha li nefaq fil-fond ta’ l-intimata fuq indikat, u dan, fl-ammont ta’ sitt elef seba` mija u hamsin Lira Maltin, (Lm6,750.00);

1.7.2. Tikkundanna lill-istess intimata biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti, flimkien ma’ l-imghax legali dovut sal-pagament effettiv;

1.7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimata datata d-29 ta’ Settembru, 2006, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti *ai termini* ta’ l-artiklu 3(2) tal-Kap 5 u l-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-ispejjez allegatament inkorsi mir-rikorrenti fil-fond *de quo* saru fl-isfond ta’ l-gherusija li kien hemm bejn il-kontendenti;

2.3. Illi ghalhekk ghandha tigi stabbilita r-raguni ghaliex thassret l-gherusija;

2.4. Illi kemm -il darba jirrizulta li kien hemm komportament u atteggjament tar-rikorrenti li wassal ghat-thassir ta’ l-gherusija, kif fil-fatt gara, allura l-intimata m’ghandiex tigi kkundannata tirrifondi l-ebda ammont lir-rikorrenti;

2.5. Illi l-fond proprjeta` ta’ l-intimata kien komplut u abitabbli meta bdew joqghodu fih il-kontendenti;

2.6. Illi kwalunkwe spejjez li setghu saru mir-rikorrenti fil-fond *de quo* saru fuq inizjattiva ta’ l-istess rikorrenti u mhux fuq rikjesta ta’ l-intimata;

2.7. Illi ghalhekk, l-intimata m’ghandiex tigi kkundannata thallas ghal spejjez li r-rikorrenti minn jeddu ghazel li jaghmel;

2.8. Illi l-intimata qatt ma ghamlet talba specifika lir-rikorrenti biex jinvolvi ruhhu f’xi spejjes fir-rigward;

2.9. Illi *di piu`*, r-rikorrenti qatt ma effettwa xi pagament lill-intimata ghall-perjodu li hu dam jabita fil-fond proprjeta` taghha;

2.10. Illi fi kwalunkwe kaz, ghandu jkun hemm ekwiparazzjoni ma krediti spettanti lill-intimata;

2.11. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti hu ferm esagerat;

2.12. Illi l-maggoranza tad-dokumenti esebiti mir-rikorrenti in sostenn ta' l-azzjoni tieghu huma bi ksur flagranti ta' l-Att XXIII ta' l-1998, (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

2.13. Illi konsegwentement, din il-qorti m'ghandiex tiehu konjizzjoni ta' l-istess *ai fini tal*-komputazzjoni ta' l-ammont reklamat mir-rikorrenti;

3. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-1 ta' Frar, 2007, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali ta' l-intimata, il-kawza giet differita ghall-provi ta' l-intimat dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, (ara foll 57);

4. Rat il-verbal tal-kontendenti datat l-1 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu irregistraw li kienu qed jaqblu li x-xhieda gia` mismugha minn din il-qorti diversament preseduta tittiehed daqs li kieku giet mismugha minn din il-qorti kif preseduta, (ara foll 115);

5. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat mill-istess biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari, u li sussegwentement, jittrattaw l-istess oralment, (ara foll 115);

6. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant

legali ta’ l-intimata, li ghaliha l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti irrimetta ruhhu, awtorizzat lill-intimata tipprezenta eccezzjoni ulterjuri fit-terminu hemm indikat, (ara foll 120);

7.0. Rat ir-risposta ulterjuri guramentata ta’ l-intimata datata l-14 ta’ Dicembru, 2011, li permezz taghha esponiet is-segwenti: (ara foll 121)

7.1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia` sollevati, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* ta’ l-artiklu 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7.2. Salv eccezzjonijiet ohra;

8. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu, fuq talba ta’ l-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw l-eccezzjonijiet preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 122);

9. Semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet rigward l-eccezzjonijiet preliminari *de quo* kif sollevati mill-intimata, (ara foll 123);

10. Rat is-sentenza preliminari datata l-5 ta’ Dicembru, 2012, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimata gew respinti bl-ispejjez, u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-mertu, (ara foll 133 *et sequitur*);

11. Rat id-digriet taghha datat is-16 t’Ottubru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet

awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-terminu hemm indikati, (ara foll 224), li gew ukoll estizi fuq talba ta’ l-istess, (ara fol 227);

12. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-23 ta’ Marzu, 2015, (ara foll 228);

13. Tirrileva li *nonostante* l-estensjoni indikata fil-paragrafu precedenti, l-intimata ma pprezentat l-ebda nota ta’ sottomissjonijiet;

14. Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

15. Rat ix-xhieda mismugha minnha kif preseduta;

16. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

17.1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldet tifla;

17.2. Illi l-intimata inghatat post “St. Rita”, Triq id-Dahla ta’ San Tumas, iz-Zejtun, fornit bl-ghamara, biex il-

kontendenti jkunu jistghu jabitaw fih *more uxorio*, (ara foll 225);

17.3. Illi precedentement l-istess fond indikat fil-paragrafu precedenti kien jifforma parti mid-dar ta' l-istess genituri ta' l-intimata li tawhula;

17.4. Illi meta l-kontendenti hadu pussess ta' l-imsemmi fond ir-rikorrenti "... ried ibiddel il-kcina u l-kamra tal-banju ... u ghamel spejjez ghax ried hu", (ara foll 225);

17.5. Illi r-rikorrenti jsostni li flimkien ma' membri ohra tal familja tal-intimata, (ara foll 90), ittrasforma l-intern tal-fond *de quo* ghaliex kienu saru antiki, (ara foll 91), u ghalhekk biddel il-kcina, l-kamra tal-banju u bajjad il-post, (ara foll 92 u 157);

17.6. Illi r-rikorrenti qieghed jitlob rifuzjoni ammontanti ta' hmistax -il elf, sebgha mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sebgha u sebghin centezmu, (€15,722.77), ghalkemm isostni wkoll li nefaq aktar, (ara foll 229);

17.7. Illi l-intimata ssosstni li "... ma xtaqtx li jsir dan ix-xoghol ... kont tqila ... u ... kien jaffettwani...", (ara foll 157);

17.8. Illi jirrizulta li omm l-intimata kienet anke tghathom somma ta' flus li wzawha biex xtraw il-kamra tas-sodda, (ara foll 157);

17.9. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti bena nofs il-kamra tal-bejt u ttrasformha f'kamra biex jilghab il-*billiard*, (ara foll 64 u 157);

17.10. Illi r-rikorrenti ghamel dawn ix-xogholijiet "... ghax ried hu", (ara foll 156);

17.11. Illi fl-istess fond in dizamina gia` kien hemm karma tal-banju u kcina u l-intimata ssostni li "...hu bidilhom ghax ried hu", u *nonostante* l-opposizzjoni ta' l-intimata, r-rikorrenti "... insista li jibdilhom", (ara foll 156);

Ikkunsidrat:

18. Illi tenut kont tas-sentenza preliminari parzjali datata l-5 ta' Dicembru, 2012, din hi sentenza finali, rigwardanti il-kumplament tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimata u fuq il-mertu ta' l-istess vertenza;

19.0. Illi rigward l-allegata gherusija bejn il-kontendenti jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi kif ripetutament deciz anki mill-Qrati Taghna, il-weghda taz-zwieg tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali;

19.2. Illi effettivament, persuna li volontarjament u illegalment tikser tali weghda taghti lok lill-persuna offiza biex ikollha l-jedd li tezercita l-azzjoni tad-danni kontra l-parti hatja tal-ksur jew tan-nuqqas ta' esekuzzjoni;

19.3. Illi in effetti hadd mill-partijiet ma jitfa xi dawl fir-rigward ghalkemm jirrizulta pacifiku li kien ir-rikorrenti li abbanduna in-nukleu familjari li kien qieghed jinbena *stante* li l-intimata u bint il-kontendenti ghadhom jghixu fl-imsemmi fond, (ara foll 116);

19.4. Illi kif josserva ***Marcade`***:

> "revocare una convenzione significa annientarla retroattivamente come se non fosse mai stata", (***Cod. Napol.*** art. 1134, p. 464);

19.5. Illi ghalhekk hemm bzonn li l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (**Fadda. Gurisp. Cod. Civ. Ital.** Art. 1165, p. 236 u 239), u b'applikazzjoni ta' dan il-principju ghar-reziliment mill-isponsali, skont il-gurisprudenza lokali, hija mehtiega raguni gravi, (**Kollez. XXII-1-26**);

19.6. Illi ghalhekk jinhtieg li jigi ezaminat ghaliex r-rikorrenti hassar l-gherusija allegata miz-zwieg kontendenti, haga li ma tirrizultax ippruvata jew almenu accennata, anke mill-istess rikorrenti;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat li l-ameljaramenti li allegatament saru fil-fond in dizamina fuq indikat saru:

20.1. Fuq l-inizjattiva u l-insistenza tar-rikorrenti;

20.2. Espressament kontra x-xewqa ta' l-intimata; u

20.3. Principalment ghal beneficcju ta' l-istess rikorrenti, u

dan kemm ghar-rigward tal-kcina, tal-kamra tal-banju, li ma kienx hemm ghalfejn jinbidlu, u ghall-kamra tal-*billiard* li kienet mibnija esklussivament ghall-uzu tar-rikorrenti;

**DECIDE:**

21.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji r-risposti ta' l-intimata fil-mertu:

21.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

21.2. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Noel Tagliaferro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------